# IS-SURMAST VINĊENZO CARUANA L-EWWEL SURMAST TA' L-ORKESTRA "LA STELLA"

**minn Carmel Pace (President Onorarju)**

Nistgħu ngħidu fiż-żgur illi, meta missirijietna għażlu lis-Surmast Vinċenzo Caruana biex jagħllimhom il-mużika u jiddiriġilhom l-orkestra, meta fl-1919 ġew biex iwaqqfu iċ-"Ċircolo Musicale" tagħhom, għamlu għażla tajba. Dan kien bnedem intelliġenti, bravu, inklinat għall-istudju, kif ukoll kellu d-don tal-kompożizzjoni. Barra minn dan, kien vjolinista u pjanista mill-aħjar.

Vinċenzo Caruana twieled f'Ħal Luqa nhar l-4 ta' Mejju 1896, iben Ġużeppi u Karmena Spiteri. Igħidulna illi, kemm fl-iskola elementari u kemm skondarja, dejjem kien jiġi l-ewwel fl-eżamijiet. Meta temm l-iskola sekondarja, għamel l-eżami għal teacher u nsibu li ġie l-ewwel minn Malta kollha. Muhx kuntent f'dan, huwa baqa' jistudja u resaq għall eżami ta' Head Teacher u nsibu, li reġa' ġie l-ewwel wieħed u ħa l-appointemnt mingħajr ma kellu bżonn imur jistudja l-Ingilterra, kif kien meħtieġ f'dak iż-żmien. Dan kien fl-1921. Din il-ferħa u promozzjoni servew biex l-Orkestra "La Stella" tilfet is-servizzi mużikali tiegħu, il-għaliex huwa ġie mibgħut biex jaqdi dmiru ta' Head Teacher ġewwa Sannat, Għaxdex. Huwa kien ilu Surmast Direttur ta' l-Orkestra mill-1919, jiġifieri sentejn biss. Ġuvni ta' 23 sena, bravu, intelliġenti nistgħu naħsbu x'entużjazmu qajjem dan il-bniedem ġewwa ċ-"Circolo Musicale La Stella". Issa kien imiss lill -Sannat li jibda jgawdi minnu. It tagħlim tal-mużika u l-kunċerti ta' l-Orkestra f'dak iż-żmien kienu jsiru nhar ta' Ħadd fil-għodu. Kien isir hekk, minħabba li nhar ta' xogħol ma kienx jibqagħlhom ħin, wara ġurnata ta' xogħol iebsa u wara, billi ħafna minnhom kienu jaħdmu t-trazna, kien jeħtiġilhom li jmorru u jiġu bil-mixi, għax ma kienx hawn karozzi. Bil-Ħadd fil-għodu, kienu jsolvu wkoll il-problema tad-dawl, billi l-luce eletrika kienet għadha mhix magħrufa f'pajjiżna. Meta xi darba kien jeħtiġilhom li jisr kunċert ta' l-Orkestra nhar ta' xogħol, kienu jmorru xi nies iwasslu lis-Surmast tagħhom bil-mixi sa Ħal Luqa, għal wens. Dan nafu minn tagħrif li kien jirrakkonta Gio Maria Abdilla, ex-President. It-Tagħlim u l-kunċerti fi żmien dan is-Surmast kienu jsiru fid-dar Nru. 1, Triq id-Dejqa, fejn il-lum joqgħod Salvu Calleja, għax il-każin kien hemm.

Meta l-anqas biss kellu 20 sena, Vinċenzo tant ħakmitu l-inklinazzjoni għall-mużika, li nsibuh jistudja l-armonija u l-kuntrapunt għand is-Surmast Giovanni Abdilla u, il-pjanu u l-vjolin, għand is-Surmast Antonio Pace, żewġ maestri ċelebri, magħrufa ħafna fi żmienhom. Huwa akkwista fama kbira kemm bħala vjolinista u kemm bħala pjanista. Ġie maħtur "Maestro di Cappell" f'hafna knejjes kemm f'malta kif ukoll f'għawdex. L-aktar li gawdew minn dan il-ġenju kienu Ħal Luqa, raħal twelidu, iżda l-iżjed Għawdex, partikularment Sannat, fejn dam 12 il-sena Head Teacher fl-iskola primarja. Aħna, hawn fil-Gudja, gawdejnieh biss sentejn, qabel ma ġie trasferit għal -Għawdex. Hija ħasra illi, l--arkivju tagħna mhux mogħni bl-ebda biċċa mużika minn tiegħu, għalkemm kien kompożitur magħruf. Forsi għax iż-żmien ta' sentejn li għamel magħna kien qasir

wisq.

Ħal Luqa gawdew ħafna mill-ġenju tas-Surmast Caruana; u hekk xieraq lis-soċjeta' "San Andrea", li fi ħdana, ta' tifel li kien, beda jieħu l-ewwel tagħlim tal-mużika, irregalalha fl-1920, sett ta' marċi funebri, iddedikati lill-eroj li mietu sena qabel, fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju u, fl-1924, meta allura kien qiegħed Għawdex, kitbilhom ukoll "Stabat Mater", għall-Banda u kor tat-tfal.

Pero', l-iktar li gawdiet mill-ġenju tas-Surmast Caruana kienet il-gżira ta' Għawdex, u iktar u iktar, ir-raħal ta' Sannat, fejn għex u miet bħala Head Teacher, ghall-aħħar tnax il-sena ta' ħajtu. Bħala rikonoxximent, iż-żewġ baned tar-Rabat t'Għawdex "La Stella" u "Leone" ħatruh bħala Surmast Onorarju taghhom. Lis-Sannatin kitbilhom l-innu tat-tridu ta' Santa Margerita; ir-responsorji ghal matutin; is-Salm "Luadate Pueri" bis-sehem tal-kor tat-tfal; Tantum Ergo solo u bit-tfal; l-antifona ta' Santa Margerita (Titular); l-antifona ghall-festa ta' San Ġużepp; Stabat Mater; wieħed u tletin melodija ta' Litanija tal-Madonna ghax-xahar ta' Mejju (waħda kuljum). Barra minn hekk, meta f'Sannat ġew biex jordnaw sett qniepen ghall-knisja kien hu li nsista u tahom it-tonalita' in "La Maggiore". X'iridu iktar is-Sannatin! Imlihom bil-mużika! Għandhom raġun baqgħu jirrispettawh anke wara mewtu.

Is-Surmast Caruana kien ġie mqabbad mir-Rettur tas-seminarju t'Ghawdex biex imur igħallem il-kant lis-Seminaristi, il-futuri qassisin ta' Ghawdex. Huwa kkompona l-innu "Salve O Gozo" li tkanta fl-Ingress ta l-Isqof mons. Mikiel Gonzi fl-1924.

Fil-kategorija profana is-Surmast Caruana kitebe sinfoniji, vlazi, marċi u "scherzo comico".

Kien nhar is-Sibt, 4 t'April, 1932 meta kien ghad kellu biss 36 sena, meta l-mewt ħasdet lis-Surmast Vinċenzo Caruana, ġewwa Sannat. Is-Sur Wenzu Muscat, li kien teacher fi żmien is-Surmast Caruana ġewwa Sannat, ħalla miktub illi l-funeral tas-Surmast Caruana kien "imponenti u solenni". Ħadu sehem it-tfal subien u bniet ta' l-iskola flimkien ma' l-għalliema minn Għawdex kollu. Fil-funeral ħadet sehem il-Banda "La Stella" tar-Rabat Għawdex. Kien hemm rappreżentanza mill-baned "San Andrea" ta' Ħal Luqa u "Leone" t'Għawdex. Gio Maria Abdilla (ex-President), ġie li irrakkonta li hu, flimkien ma' xi ħadd ieħor, kienu marru Għawdex fil-funeral bħala rappreżentanti tas-Soċjeta' tagħna u kienu marċjaw mas-Soċjeta' "San Andrea" ta' Ħal Luqa, billi s-soċjeta' tagħna kien għad ma kelliex l-istandard tagħha. Is-surmast Giardini Vella, Għawdxi, li kien ħabib intimu tas-Surmast Caruana, għamillu "gratis" il-quddiesa bil-mużika "pre-sente cadavere", fil-knisja tas-Sannat. Wara l-quddiesa is-surmast Vinċenzo Caruana ġie midfun fil-knisja ta' Sannat.

F'egħluq ix-xahar mill-mewt tiegħu, il-mużiċisti ħbieb issufragawh b'quddiesa solenni funebri, mużika tiegħu innifsu, fil-parroċċa ta' Ħal Luqa, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Salvu Azzopardi, wkoll Ħal Luqi, kollega u ħabib intimu tal-qatt minsi Surmast Vinċenzo Caruana. Hawn ta' min isemmi li dan is-Surmast Salvu Azzopardi kien it-tieni Surmast taċ"Ċircolo Musicale La Stella" tagħna. Hu ħa t-treġija taghha fl-1922, meta is-Surmast Vinċenzo Carunana kien ġie trasferit għal Għawdex.

Is-Surmast Vunċenzo Caruana jibqa' mfakkar għat-tliet kwalitajiet sbieħ (jew doni) li kellu. Dawn kienu :- (1) kien bravu u intelliġenti; (2) kien iħobb l-istudju; u (3) kellu d-don tal-kompożizzjoni. Fin-nies kbar u li ħallew isem, issib li kien hemm min kien jippossiedi xi waħda jew tnejn minn dawn id-doni; iżda li ssib bniedem, bħalma kien is-Surmast Vinċenzo Caruana, li kien jippossiedi dawn it-tliet doni f'daqqa, hija xi ħaġa rari.